MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 367/2001/1

Mignon Trading Company Ltd

Vs

Joseph Camilleri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-6 ta' Marzu 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi l-konvenut fit-22 ta' Dicembru 1995 iffirma kambjala favur is-socjeta' attrici ta' l-import ta' ghaxart elef lira maltin (LM10,000); illi l-imsemmija kambjala mmaturat fis-7 ta' Marzu 1996 u din ma thallsitx sal-lum; illi dan il-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata annessa; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef lira maltin (LM10,000) dovuta kif fuq inghad.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data ta' maturar ta' l-imsemmija kambjala cioe is-7 ta' Marzu 1996 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' Marzu 2001 meta l-konvenut talab li jinghata l-fakolta' jikkontesta t-talba billi l-korrispettiv ghal hrug tal-kambjala huwa inezistenti u li gew istitwiti proceduri b'citazzjoni numru 2513/00 JRM ghad-dikjarazzjoni tal-inezigibilita' tal-kambjali kollha, rigwardanti n-negozju li ma sehhx bejn il-kontendenti.

Rat l-opposizzjoni tad-difensur ta' l-attur ghgal din it-talba billi gie sottomess illi "in-negozju imsemmi mill-konvenut ma kienx jikkoncerna l-kumpanija attrici u l-istess kumpanija mhux parti fil-kawza imsemmija mill-konvenut."

F'dik l-okkazzjoni ghalhekk il-kawza thalliet ghalprovi dwar l-ammissibilita' tat-talba (tal-konvenut).

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti u rat il-verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghall-provediment/sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri li gew istitwiti a termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenut qed jitlob li jigi ammess li jikkontesta t-talba attrici billi l-korrispettiv ghal hurg tal-kambjala huwa inezistenti u li gew istitwiti proceduri gudizjarji ghad-dikjarazzjoni tal-inezigibilita' taghha. Qed jigi ghalhekk rilevat li din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li jipprovdi l-Kodici tal-Kummerc

f’azzjonijiet kambjarji, tissoprasjedi pendenti l-ezitu tal-imsemmija proceduri.

L-artikolu 170 tal-Kap 12 jaghti l-fakolta’ lill-Qorti li tkun qed tiehu konjizzjoni ta’ proceduri stitwiti sommarjament a termini ta’ l-artikolu 167, li tippermetti li l-istess proceduri jigu kkontestati kemm-il darba l-konvenut jaghti prova bil-gurament tieghu jew xort’ ohra, li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed biex turi li ghandu eccezzjonijiet *prima facie,* fil-ligi jew fil-fatt xi jgib kontra l-meritu ta’ l-azzjoni, jew xort’ ohra jgib fatti jew punti ta’ ligi li jistghu jitqiesu li jkunu bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jaghmel kontro talba. L-istess artikolu jkompli jghid fil-kaz li l-konvenut ma jissodisfax lill-Qorti f’dan ir-rigward “*il-Qorti tiddecidi minnufih il-kawza, billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur.”*

F’dawn il-proceduri d-difensuri tal-partijiet issottomettew diversi argumenti studjati in sostenn ta’ posizzjoni jew ohra u cioe favur jew kontra l-akkoljiment tat-talba tal-konvenut biex jinghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici.

Wara li hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet kif ukoll tal-provi prodotti u senjatament l-kopja tal-atti fil-proceduri Citaz numru 2513/00 din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma ssodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u per konsegwenza din il-Qorti mhux ser tippermetti li dawn il-proceduri jigu kontestati. Dan mhux ghar-ragunijiet mressqa mill-kontendenti dwar l-applikabilita’ ta’ l-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc izda ghas-semplici raguni li l-proceduri imsemmija u cioe Citaz Nru 2513/00 ma huma bl-ebda mod relati mal-proceduri odjerni. Infatti din il-kawza giet istitwita mis-socjeta’ Mignon Trading Company Ltd kontra Joseph Camilleri personalment relattivament ghal kambjala mahruga fit-22 ta’ Dicembru 1995 mis-socjeta’ attrici u accettata mill-istess Camilleri personalment.

Fil-proceduri fuq imsemmija ma tinkwadrax s-socjeta’ Mignon Trading Company Ltd bhala konvenut izda Benjamin Muscat u Benny’s Catering Limited li huma persuni kompletament differenti mill-attur f’din il-kawza.

Inoltre f'dawk il-proceduri hemm zewg l-atturi u cioe Joseph Camilleri fil-kapacita' tieghu personali kif ukoll ghas-socjeta' Cool Operators Limited. In effetti l-premessi ta' dik ic-citazzjoni jikkoncernaw proprju konvenju ghal bejgh ta' mobbli u immobbli mis-socjeta' Benny's Catering Limited, hemm rappresentata minn Benjamin Muscat lil Cool Operators Limited debitament rappresentata minn Joseph Camilleri. Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li kull pronunzjament gudizjarju li jista' jkun hemm fl-imsemmija proceduri stitwiti minn Joseph Camilleri proprio et nomine qatt ma jista' jkollhom relevanza ghal kaz odjern. Konsewgentement kull soprasessjoni ordnata minn din il-Qorti tkun barra minn loka. Din it-talba ghalhekk qed tigi michuda.

Dwar il-mertu jirrizulta li l-kambjala in kwistjoni skadiet fis-7 ta' Marzu 1996 u mill-assjem tal-provi jirrizulta li din ma gietx onorata, tant u hekk li l-istess konvenut qed jitlob li jigi awtorizzat ma jhallasix. Dwar il-validita' tal-istess kambjala insibu li l-konvenut, apparti kwistjoni relatati ma "*negozju*" li allegatament ma sehhx u li kif rajna aktar 'l fuq kien bejn persuni totalment differenti minn dawk f'dawn il-proceduri, ma jikkummentax b'mod avvers. L-import tal-kambjala ghalhekk illum huwa dovut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad it-talba tal-konvenut biex jikkontesta t-talba attrici, a tenur ta' l-artikolu 170 tal-Kap 12 u billi wkoll jirrizulta li t-talba attrici hija gustifikata, tilqa' l-istess talba u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef lira maltin (LM10,000.00) import ta' kambjala, bl-imghax legali mis-7 ta' Marzu 1996 u cioe d-data ta' maturazzjoni ta' l-istess kambjala, u bl-ispejjes tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri